# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Novembru, 2016**

**Talba Nru: 181/2016PA**

**GO p.l.c.**
**(C-22334)**
**vs**

**Shapes Company Limited**
**(C-12210)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fit-18 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' elf, mija, sitta u hamsin Ewro u tletin centezmu (€1,156.30c) in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija fissa, internet u televizjoni, liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 40405389; li s-socjeta' konvenuta, interpellata diversi drabi biex tghaddi ghall-hlas, baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra taghha, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni, bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Ra d-dokumenti pprezentati mis-socjeta' attrici mal-Avviz tat-Talba, senjatament prospett tal-hlasijiet mitluba (Dok. 'A'); kopja tal-kuntratt relattiv (Dok. 'B'); estratt mir-

Registru tal-Kumpaniji bid-dettalji tas-Socjeta' konvenuta (Dok. 'C') u affidavit ta' Charmaine Wiffen, ufficjal mad-Dipartiment tal-Credit Control tas-socjeta' attrici li fih iddikjara li s-somma mitluba ghadha dovuta fuq dan il-kont (Dok. 'D').

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba lir-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta fl-indirizz postali tieghu, baqghet ma pprezentatx Risposta.

Ra li fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2016, is-socjeta' attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni li permezz taghha rriduciet l-ammont fit-Talba ghal sitt mija u erba' Ewro, tmienja u tmenin centezmu (€604.88c) billi lahaq sar pagament akkont.

Semghet ix-xiehda tar-rapprezentanta tas-socjeta' attrici, Charmaine Wiffen, li kkonfermat li l-ammont kif ridott ghadu dovut.

Ikkunsidra li t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta biex thallasha s-somma ta' €604.88c tirrizulta ampjament pruvata, fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha s-somma ta' sitt mija u erba' Ewro, tmienja u tmenin centezmu (€604.88c), bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez jibqghu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr Phyllis Aquilina, LL.D.**

**Gudikatur**